MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tat-2 ta' April, 2009

Citazzjoni Numru. 1051/2008

**HSBC Bank Malta p.l.c.**

**-vs-**

**1. Eliza Company Limited;**
**2. Norman u Marie Therese konjugi Zammit bhala garanti solidali tas-socjeta' Eliza Company Limited;**
**3. Joseph Spiteri proprio u in rapprezentanza ta' l-eredita' gjacenti tal-mejta Rosemarie Spiteri bhala garanti solidali tas-socjeta' Eliza Company Limited.**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors mahluf ta' HSBC Bank Malta p.l.c. presentat fis-16 ta' Ottubru 2008 li jghid hekk:-

"1. Illi s-socjeta' ntimata sselfet is-somma ta' mitejn u tnejn u tletin elf u disa' mija u sebgha u tletin Ewro u erbgha u tletin centezmi (€232,937.34), gja mitt elf Liri

Maltin (LM 100,000), minghand is-socjeta’ rikorrenti gja Mid Med Bank Limited b’att pubbliku datat 25 ta’ Novembru 1996 fl-atti tan-Nutar Angelo Vella anness u mmarkat bhala Dok. A.

2. Illi fuq dan l-istess att pubbliku u ghall-istess self, l-intimati Joseph Spiteri u Rosemarie Spiteri ggarantew *in solidum* bejniethom u flimkien mas-socjeta’ ntimata li jhallsu lis-socjeta’ rikorrenti gja Mid Med Bank Limited dak dovut fuq l-imsemmi self u imghax eventwali u dan skond dak imnizzel fl-istess att pubbliku anness u mmarkat bhala Dok. A.

3. Illi fid-19 ta’ Jannar 1996, il-konjugi Norman Zammit u Marie Therese Zammit iffirmaw skrittura ta’ fidejussjoni, fil-presenza tan-Nutar Antoine Agius, fejn ukoll iggarantew *in solidum* bejniethom id-dejn tas-socjeta’ ntimata sas-somma ta’ mitejn u tnejn u tletin elf u disa’ mija u sebgha u tletin Ewro u erbgha u tletin centezmi (€232,937.34), gja mitt elf Liri Maltin (LM 100,000), bl-imghaxijiet minn sitt xhur qabel l-interpellazzjoni ghall-hlas, liema skrittura qed tigi hawn annessa u mmarkata bhla Dok. B.

4. Illi l-ammont komplessiv illum dovut fuq il-kont tas-self relattiv bin-numru 043-000637-300 huwa ta’ sitta u hamsin elf u mitejn u sebgha u hamsin Ewro u erbgha u disghin centezmi (€56,257.94) dovuti lis-socjeta’ rikorrenti in kwantu ghall-hamsa u hamsin elf u tmien mija u sitta u tletin Ewro u sebgha centezmi (€55,836.07) rapprezentanti l-kapital u erba’ mija u wiehed u ghoxrin Ewro u sebgha u tmenin centezmi (€421.87) rapprezentanti imghaxijiet akkumulati sal-25 ta’ Awissu 2008 skond l-anness rendikont mmarkat bhala Dok. C *oltre* l-imghax ulterjuri bir-rata ta’ tmienja fil-mija (8%) fis-sena dekorribbli mill-25 ta’ Awissu 2008 sad-data tal-pagament effettiv.

5. Illi l-intimati baqghu inadempjenti *nonostante* l-ittri ufficjali tat-28 ta’ Settembru 2007 annessi u mmarkati bhala Dok. D-F.

6. Illi l-intimat Joseph Spiteri gie nominat bhala kuratur depuatat sabiex jirrapprezenta l-eredita’ gjacenti ta’ martu Rosemarie Spiteri skond l-anness digriet ta’ din l-Onorabbli Qorti tal-Prim’Awla diversament presjeduta datat 21 ta’ Awissu 2008 mmarkat bhala Dok. G.

7. Illi dan id-debitu tal-intimati fil-konfront tas-socjeta’ rikorrenti huwa cert, likwidu u skadut *ai termini* ta’ l-artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta u fil-fehma tas-socjeta’ rikorrenti l-intimati m’ghandhomx eccezzjonijiet x’jaghtu.

8. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu umilment lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara lis-socjeta’ rikorrenti kreditrici ta’ l-intimati *in solidum* ghas-somma ta’ hamsa u hamsin elf u tmien mija u sitta u tletin Ewro u sebgha centezmi (€55,836.07) rapprezentanti l-kapital u erba’ mija u wiehed u ghoxrin Ewro u sebgha u tmenin centezmi (€421.87) rapprezentanti imghaxijiet akkumulati sal-25 ta’ Awissu 2008 *oltre* l-imghax ulterjuri bir-rata ta’ tmienja fil-mija (8%) fis-sena dekorribbli mill-25 ta’ Awissu 2008 sad-data tal-pagament effettiv fuq *loan account* lilhom koncessa kif fuq intqal; u

2. Tikkundanna lill-intimati flimkien u *in solidum* bejniethom ihallsu lis-socjeta’ rikorrenti s-somma ta’ sitta u hamsin elf u mitejn u sebgha u hamsin Ewro u erbgha u disghin centezmi (€56,257.94) *oltre* l-imghax bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena dekorribbli mill-25 ta’ Awissu 2008 fuq *loan account* lilhom koncessa kif fuq intqal.

3. Tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smigh *ai termini* tal-Art. 167 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tat-tliet ittri ufficjali datati 28 ta’ Settembru 2007 u tal-mandati pprezentati kontestwalment u bl-imghaxijiet legali ulterjuri dovuti kontra l-intimati li huma minn issa ngunti gahs-subizzjoni.”

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mis-socjeta' attrici.

Rat id-dokumenti esebiti mis-socjeta' attrici mar-rikors mafluf.

Rat li permezz ta' nota mahlufa tal-5 ta' Novembru 2008 presentata *a tenur* tal-Art. 170 (1) tal-Kap. 12, is-socjeta' konvenuta Eliza Company Limited qalet hekk:

"1. Illi s-socjeta' attrici ghandha ggib il-prova dwar l-ammont attwalment misluf u *statement* dwar il-pagamenti kollha li saru u meta saru. Ghalhekk, it-talba biex il-kawza titmexxa *ai termini* tal-Art. 167 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta ghandha tigi respinta.

2. Illi Eliza Company Limited ghandha self iehor ma' Bank of Valletta p.l.c.

3. Illi kif ser jirrizulta, Eliza Company Limited ghamlet kull ma setghet biex tirriduci l-bilanc permezz ta' bejgh ta' partijiet mit-territorju li hija ghandha fil-Bahrija izda l-opportunitajiet ta' bejgh ilhom zmien li naqsu u l-kumpanija sabet hafna tfixkil. B'danakollu, Eliza Company Limited ghandha erba' konvenji pendenti li jistghu jwasslu biex jitnaqqas il-bilanc dovut lis-socjeta' attrici.

4. Illi Eliza Company Limited kompliet tirriduci l-bilanc billi ddepositat *cheque* li waslilha minghand id-Dipartiment tat-Taxxi Interni bhala *refund*.

5. Illi Eliza Company Limited thoss li tinsab f'posizzjoni li eventwalment thallas lura l-bilanc attwalment dovut, li m'huwiex kbir. Difatti, skond is-socjeta' attrici stess, Eliza Company Limited irriduciet l-ammont dovut minn Lm 100,000 (*ossia* €232,937.34), flimkien ma' l-imghaxijiet li akkumulaw fuqu, ghall-figura (skond is-socjeta' attrici) ta' €56,257.94, u dan huwa fatt elokwenti bizzejjed. Ghalhekk, is-socjeta' attrici ghandha tikkoncedilha l-beneficcju taz-zmien u tippermetti lis-socjeta' esponenti tkompli tbigh bicciet mill-proprjeta' taghha fuq is-suq

sakemm thallas lura l-bilanc kollu u b'hekk ma tikkawzalhiex hsara aktar milli hemm bzonn. Wara kollox, fuq il-bilanc qeghdin jithallsu l-imghaxijiet kif miftiehem.

Rat in-nota tas-socjeta' attrici presentata fl-udjenza tad-9 ta' Jannar 2009 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta li permezz taghha, irriduciet it-talba taghha ghall-ammont ta' €51,034.19 rapprezentanti €50,618.00 in kwantu kapital u €416.19 in kwantu imghaxijiet sad-9 ta' Jannar 2009.

Rat in-nota tas-socjeta' attrici presentata fit-23 ta' Marzu 2009 (*fol*. 45) fejn irriduciet it-talba fil-kawza odjerna ghall-ammont ta' €21,456.14 rapprezentanti €21,169.18 in kwantu kapital u €286.96 in kwantu imghaxijiet sat-23 ta' Marzu 2009 kif jirrizulta *ai termini* tar-rendikont hawn anness.

Rat in-nota tas-socjeta' konvenuta presentata fl-udjenza quddiem din l-Onorabbli Qorti (kif presjeduta) tas-26 ta' Marzu 2009 (*fol*. 48) fejn ammettiet it-talba attrici fl-ammont ta' wiehed u ghoxrin elf erba' mija sitta u hamsin Ewro u erbatax-il centezmu (€21,456.14) skond kif indikat in-nota attrici (*fol*. 45).

Rat in-nota tal-konvenuti l-ohra presentata fl-istess udjenza (*fol*. 49) b'ammissjoni identika ghal dik tas-socjeta' konvenuta *cioe'* ghall-ammont ta' €21,456.14.

Rat il-verbal tal-partijiet li sar fl-udjenza tas-26 ta' Marzu 2009 fejn qablu li s-sentenza ta' din il-Qorti tkun ezegwibbli b'effett minn tliet (3) xhur mid-data tas-sentenza.

Rat li bl-ammissjoni da parti tal-konvenuti tat-talbiet attrici kif ridotti, dawn l-istess talbiet kienu debitament ippruvati.

**Ghalhekk din il-Qorti in vista tal-premess taqta' u tiddeciedi din il-kawza kif gej:-**

**Fl-ewwel lok tikkundanna lill-konvenuti sabiex "*in solidum*" bejniethom ihallsu lis-socjeta' attrici l-**

**ammont ta' wiehed u ghoxrin elf erba' mija sitta u hamsin Ewro u erbatax-il centezmu (€21,456.14) b'imghax skond il-ligi b'effett mil-24 ta' Marzu 2009 sad-data tal-effettiv pagament.**

**<u>Fit-tieni lok</u> tordna li din is-sentenza tkun ezegwibbli b'effett mit-2 ta' Lulju 2009.**

**<u>Fit-tielet lok</u> tikkundanna lill-konvenuti sabiex "*in solidum*" bejniethom ihallsu l-ispejjez kollha ta' din il-kawza.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------